**Malta Pool Association**

1989

# Stagun 2018/9

# Informazzjoni Generali

## Generali

Il-Malta Pool Association giet imwaqqfa f' Lulju tas-sena 1989 u hija rikonoxuta minn Sportsmalta, Kumitat Olimpiku Malti, European Eight Ball Pool Federation u World Eight Ball Pool Federation

Indirizz: P.O Box 13, Qawra

Tel. No: 79499117

Website:
www.maltapoolassociation.org

E-mail:
degi8@go.net.mt

## SUMMARJU

| | |
|---|---|
| Stagun 2018/19 | 1 |
| Registrazzjonijiet Kampjonati u Hlas | 2 |
| Ranking Tournaments | 3 |
| Kalendarju Stagun 2018/19 | 4 |
| Kamp Individwali World Playoff Qual | 5 |
| Knockout Xmas & Easter Cups | 6 |
| MPA Cup Kampjonati Ewropej | 7 |
| Kampjonati Mondjali Blackpool 2019 | 8 |

25 ta' Lulju 2018

Newsletter 1

## Stagun 2018/19

Ghat-tlettin sena konsekuttiva l-Malta Pool Association hejjiet program ta' attivitajiet ghall-istagun li gej li ser jara l-bidu tieghu fl-24 ta' Settembru. L-applikazzjonijiet ghas-shubija fl-assocjazzjoni huma miftuha u ser jintlaghqu sa' mhux izjed tard mit– 12 ta' Novembru. Dawn jistghu jintbaghtu fl-indirizz ta' l-assocjazzjoni jew jigu prezentati , flimkien mar-registrazzjonijiet u formoli ohra, lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni personalment fl– 1 ta' Ottubru, bejn is–7.30 pm u t-8.30 pm, gewwa l-Kazin Band San Gorg Martri, Qormi. Il-formola ta' shubija qeda tigi mehmuza ma' dan il-fuljett u l-hlas ta' l-istess shubija huwa ta' € 40. L-affiljazzjonijiet huma miftuha ghal kull club, bar jew kazini sahansitra dawk politici.

Fost diversi attivitajiet bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet maqsum f' erba divizjonijiet. F' gheluq it-tlettin sena mit-twaqqif taghha l-assocjazzjoni ser torganizza kompetizzjoni ghat-timijiet li ser tissejjah l-MPA 30th Anniversary Cup.

F' dan l-istagun il-fondi ta' premjijiet ghall-kompetizzjonijiet kollha ser jitla ghal - Euro 11,450.

### Kumitat Ezekuttiv - Perjodu 2017/18 sa' 2019/20

L-assocjazzjoni hija mmexija minn kumitat li jigi elett demokratikament mill-membri ta' l-assocjazzjoni f' elezzjonijiet li jsiru kull tliet snin

| | | |
|---|---|---|
| President: | Charlie Cilia | Tel: 79490206 |
| Vici President: | Salvu Mifsud | |
| Segretarju: | Vincent Degiorgio | Tel: 79499117 |
| Tezorier: | Warren Attard | |
| Membri: | Pasquale Sciberras, Jesmond Grima, Brian Grech | |
| | Lothar Mallia, Alex Falzon | |

# REGISTRAZZJONI TA' TIMIJIET U PLAYERS

Il-program ta' attivitajiet tat-timijiet f' dan l-istagun jinkludi l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet, maqsuma f' erba divizjonijiet, zewg kompetizzjonijiet knockout, riservati ghall-kategoriji differenti, kompetizzjonijiet tal-Milied u l-Ghid il-Kbir, MPA Cup kif ukoll Super Cup.

Kif club li jibghat l-formola ta' l-affiljazzjoni jircievi l-formoli tar-registrazzjonijiet tal-players kif ukoll formoli necessarji ohra. Il-formoli kollha ghandhom jigu ritornati lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni, flimkien mal-hlas, fl-indirizz P.O Box 13, Qawra, sa' mhux izjed tard mill– 1 ta' Ottubru 2018. F' din l-istess data ta' l-gheluq, is-segretarju ta' l-assocjazzjoni ser ikun gewwa Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn is-7.30 pm u t-8.30 pm biex jilqgha dawn ir-registrazzjonijiet, formoli u l-hlas rispettiv personalment.

Kull player ghandu jimla formola tar-registrazzjoni ghal dan l-istagun. Players li qatt ma laghbu f' kampjonati ta' l-assocjazzjoni kif ukoll players li ma laghbux f' dawn l-sitt snin irridu jipprovdu zewg ritratti identici (passport size) kif ukoll kopja ta' l-ID Card tal-gvern minn quddiem u wara. Dawn ghandhom jigu mehmuza mal-formola tar-registrazzjoni. Players ta' cittadinanza barranija jridu jipprovdu kopja tal-passaport. Kull club jista' jirregistra aktar minn tim wiehed kif ukoll numru ta' players kemm irrid.

## HLAS

Il-hlas, ghal kull team, ghall-kampjonati nazzjonali tat-timjiet ghandu jkun kif gej:

€ 55 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet **JEW**

€ 110 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet, knockout, Christmas Cup u Easter Cup

€ 10 Ghal kull player registrat

€ 70 Depozitu ghal kull club (Dan jinghata lura fil-bidu ta' l-istagun segwenti)

**Timijiet godda u dawk li jilaghbu fl-anqas divizjoni jaghzlu preferenza ta' hlas kif gej:**

€ 100 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati nazzjonali tat-timijiet. **JEW**

€ 140 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati tat-timijiet, knockout, kompetizzjoni tal-Milied u dik ta' l-Ghid il-Kbir.

Registrazzjonijiet ta' aktar players jistghu jsiru ghal hlas addizjonali ta' €10 ghal kull registrazzjoni.

# PREMJIJIET - Kampjonati tat-Timijiet

| | | |
|---|---|---|
| **Kampjonati Premier** | **1) € 750** | **2) € 250** |
| **L-Ewwel Divizjoni** | **1) € 450** | **2) € 150** |
| **Tieni Divizjoni** | **1) € 300** | **2) € 100** |
| **Tielet Divizjoni** | **1) € 225** | **2) € 75** |

**+**



**€ 2,300**

# Ranking Tournaments

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

L-assocjazzjoni hejjiet program impenjattiv b' avvenimenti individwali. F' dan l-istagun ser jigu organizzati 7 'Ranking Tournaments' ghal kategoriji ta' l-Irgiel, Under 18's, Under 23's u Over 50's.

It-'tournaments' ta' l-irgiel, Under 23's u Over 50's ser ikunu miftuha ghall-players li ser jigu registrati fit-timijiet u ghal membri ndividwi ta' l-assocjazzjoni filwaqt li t-'Tournaments' Under 18 ser ikunu miftuha ghal kull player. It- 'tournaments' taz-zghazagh U/18 u U/23 ser ikun miftuha ghall-players li ma jkunux ghalqu t- tminttax u t-tlieta u ghoxrin sena sa' l-ahhar ta' Dicembru 2018. Kull player (U/18) irrid jipprovdi certifikat tat-twelid jew kopja ta' l-I.D Card. Participanti fil-kategorija Over 50's iridu jkunu jaghlqu l-hamsin sena sa' mhux izjed tard mill-31 ta' Dicembru 2018.

L-ewwel erba tournaments, maghrufa bhala Euro Ranking Tournaments, ser isservu bhala kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej filwaqt li t-tliet tournaments l-ohra, maghrufa bhala World Ranking Tournaments, ser jiddeterminaw l-ghazla tat-timijiet nazzjonali li ser jippartecipaw fil-kampjonati mondjali. Kull player rebbieh ta' l-Euro Tournaments fil-kategorija ta' l-Irgiel u Over 50's ma jkomplix jiehu sehem fl-istess Euro Tournaments u jikkwalifika direttament fit-Tim Nazzjonali A li ser jippartecipa fil-kampjonati Ewropej. Il-punti miksuba fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments ma jibqghux joghdu u jaqghu. Il-World Ranking Tournaments ta' l-Irgiel u Over 50's ser ikollhom klassifika ta' punti separata. Ir-rebbieh ta' kull tournament ma jkomplix jilghab u jirbah post fit-tim nazzjonali li ser jirraprezenta lil Malta fil-kampjonati mondjali. Fil-kategorija U/23 il-players jilghabu fit-tournaments kollha filwaqt li fil-kategorija U/18 ser jintlaghabu erba' tournaments li ser ikunu validi ghal kwalifikazzjoni tal-kampjonati Ewropej. Id-dhul fil-kategorija U/18 ser ikun minghajr hlas.

Kull player jista' jilghab f' **kategorija wahda** li trid tintaghzel qabel jiehu sehem fl-ewwel tournament.

## RANKING TOURNAMENTS NO. 1

L-ewwel serje ta' 'Ranking Tournaments' ser issir bejn l- 24 ta' Settembru u l-5 ta' Ottubru. Ir-registrazzjonijiet huma miftuha u ser jigu milqugha sa' mhux izjed tard mill– 14 ta' Settembru. Players interessati ghandhom jibghatu messag lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni fuq 79499117 jew permess ta' messagg minn fuq il-Pagna Facebook b' isem Malta Pool Association. Il-poloz ser jittellghu fiz– 17 ta' Settembru gewwa The Hatch Bar, Mgarr, fis-7.00 pm u jigu publikati fuq is-sit u pagna ta' 'Facebook' ta' l-assocjazzjoni.

**€ 5,950**

**PREMJIJIET**

## HLAS - RANKING TOURNAMENTS

DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - € 12 — **Ghandu jithallas fl-ewwel loghba ta' kull tournament**

DHUL GHAL SEBA TOURNAMENTS - € 70 — **Hlas irrid issir f' daqqa u fl-ewwel tournament**

## PREMJIJIET :

**Suggett li l-players jilghabu fit-tim nazzjonali li jikkwalifikaw fijhom. Players li ma jonorawx dan jitilfu d-dritt tal-premju tal-flus li jinzamm mill-assocjazzjoni**

**KATEGORIJA IRGIEL :** Euro 500 ghar-rebbieh ta' kull tournament

**KATEGORIJA UNDER 23s :** Tournaments validi ghall-kampjonati Ewropej - Euro 250 u Euro 150 ghall-players fl-ewwel u t-tieni post

Tournaments validi ghall-kampjonati Mondjali - Euro 200 u Euro 100 ghall-players fl-ewwel u t-tieni post

**KATEGORIJA OVER 50s :** Euro 250 ghar-rebbieh ta' kull tournament

# Program Stagun 2018/19

| Kompetizzjoni | Ftuh Reg Data | Gheluq Reg Data | Poloz Data | Bidu Data | Tmiem Data |
|---|---|---|---|---|---|
| Clubs Affiliations | 13-Aug-18 | 12-Nov-18 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 1 | 03-Sep-18 | 01-Oct-18 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 2 | 12-Nov-18 | 30-Nov-18 | | | |
| Players Transfers Period | 26-Nov-18 | 28-Feb-19 | | | |
| Players Registrations Period 3 | 25-Feb-19 | 09-Mar-19 | | | |
| | | | | | |
| Euro Ranking Tournaments Series 1 | 03-Sep-18 | 14-Sep-18 | 17-Sep-18 | 24-Sep-18 | 05-Oct-18 |
| Euro Ranking Tournaments Series 2 | 24-Sep-18 | 03-Oct-18 | 05-Oct-18 | 10-Oct-18 | 22-Oct-18 |
| Euro Ranking Tournaments Series 3 | 10-Oct-18 | 18-Oct-18 | 22-Oct-18 | 29-Oct-18 | 15-Nov-18 |
| Euro Ranking Tournaments Series 4 | 05-Nov-18 | 12-Nov-18 | 15-Nov-18 | 21-Nov-18 | 05-Dec-18 |
| Open National Singles League | 07-Dec-18 | 21-Dec-18 | 27-Dec-18 | 02-Jan-19 | 25-Feb-19 |
| World Ranking Tournaments Series 1 | 19-Nov-18 | 26-Nov-18 | 30-Nov-18 | 07-Dec-18 | 27-Dec-18 |
| World Ranking Tournaments Series 2 | 04-Feb-19 | 16-Feb-19 | 20-Feb-19 | 28-Feb-19 | 11-Mar-19 |
| World Ranking Tournaments Series 3 | 21-Feb-19 | 04-Mar-19 | 08-Mar-19 | 14-Mar-19 | 28-Mar-19 |
| World Playoff Qualifier Tournament | | | 25-Feb-19 | 26-Feb-19 | 27-Feb-19 |
| | | | | | |
| Team Knockouts | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 12-Oct-18 | 23-Oct-18 | 23-Nov-18 |
| Christmas Cup 2018 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 19-Nov-18 | 04-Dec-18 | 28-Dec-18 |
| Easter Cup 2019 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 20-Feb-19 | 13-Mar-19 | 17-Apr-19 |
| MPA 30th Anniversary Cup | | | 06-Jun-19 | 10-Jun-19 | 13-Jun-19 |
| | | | | | |
| Premier League Round 1 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 19-Nov-18 | 04-Jan-19 | 22-Feb-19 |
| Premier League Round 2 | | | | 29-Mar-19 | 17-May-19 |
| First Division League Round 1 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 19-Nov-18 | 08-Jan-19 | 19-Feb-19 |
| First Division League Round 2 | | | | 02-Apr-19 | 14-May-19 |
| Second Division League Round 1 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 19-Nov-18 | 03-Jan-19 | 21-Feb-19 |
| Second Division League Round 2 | | | | 04-Apr-19 | 16-May-19 |
| Third Division League Round 1 | 13-Aug-18 | 01-Oct-18 | 19-Nov-18 | 07-Jan-19 | 18-Feb-19 |
| Third Division League Round 2 | | | | 01-Apr-19 | 13-May-19 |
| Play Off Stages & Semi Finals | | | | 20-May-19 | 31-May-19 |
| Finals | | | | 03-Jun-19 | 06-Jun-19 |
| | | | | | |
| Super Cup | | | | 14-Jun-19 | 14-Jun-19 |
| | | | | | |
| Presentation Dinner Night | | | | 20-Jul-19 | 20-Jul-19 |
| Annual General Meeting 2018/9 | | | | 24-Jul-19 | 24-Jul-19 |
| | | | | | |
| European Championships - Irlanda | | | | 10-Feb-19 | 15-Feb-19 |
| World Championships - England | | | | 19-Jun-19 | 28-Jun-19 |

**L-Assocjazzjoni jzomm id-dritt li tibdel id-dati skond in-necesita taghha**

# KAMPJONATI NAZZJONALI INDIVIDWALI

**€ 1,500**

Il-kampjonati nazzjonali ndividwali ta' l-irgiel ser issiru gewwa l-Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn it– 2 ta' Jannar u l-25 ta' Frar. L-avveniment ser jintlaghab nhar ta' Erbgha u ser jinkludi 48 player migbura kif gej:

- Rebbieha ta' l-Euro Ranking Tournaments fil-kategorija Irgiel u Over 50's
- L-ewwel 31 player fil-klassifika tar-rankings ta' l-irgiel fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 4 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Under 23's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 2 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Under 18's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 2 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Over 50's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments

F' kaz li players minn kategoriji ghajr dawk ta' l-irgiel jirrifjutaw li jiehdu sehem l-ewwel prijorita biex jidhol player iehor tinghata lil kategorija ta' l-irgiel.

Fl-ewwel fazi l-players jitqasmu fi tmien gruppi ta' sitt players u jintlaghab format ta' 'league'. Ir-rebbieha tal-gruppi jikkwalifikaw ma' l-ahhar sittax filwaqt li l-players klassifikati fit-tieni u tielet post jikkwalifikaw ghal 'Playoff'.

F' kaz li zewg players jispiccaw b' punti ndaqs jigi kunsidrat il-konfront dirett filwaqt li f' kaz li tliet players jew aktar jigi meqjus it-total ta' frames mirbuha fil-loghob kollu tal-grupp ta' l-istess players.

Il-hlas ghad-dhul ta' dawn il-kampjonati ser ikun ta' € 25 ghal kull player. Ir-rebbieh tal-kampjonati jigi dikjarat 'champion' nazzjonali u jirbah premju ta' €1000. Il-finalist jirbah premju ta' €500.

Il-poloz tal-gruppi ser jinkludu sistema ta' 'seedings' li tinkludi r-rebbieha ta' l-Euro Ranking Tournaments u l-ewwel tliet players fil-lista ta' rankings fil-kategorija ta' l-irgiel.

Il-finalisti ta' dawn il-kampjonati jikkwalifikaw biex jiehdu sehem fil-World Playoff Qualifier Tournament.

F' kaz li l-finalisti ma jkunux players li jilghabu fil-kategorija ta' l-irgiel dawn iridu jaghmlu ghazla minnufih jekk jiehdux sehem fil-World Playoff Qualifier u ma jilaghbux aktar fil-kategorija taghhom jew jirrinunzjaw u jkomplu jilghabu fil-kategorija taghhom.

# World Playoff Qualifier Tournament

Dan l-avveniment ser jippermetti player (wiehed) jikseb post fit-tim nazzjonali ta' l-irgiel li ser jippartecipa fil-kampjonati mondjali.

Il-loghob ser jintlaghab bejn is– 26 u s-27 ta' Frar gewwa l-kazin tal-banda San Gorg, Qormi, u ser jinkludi fih 8 players kif gej:

- Rebbieha tal-Erba' Euro Ranking Tournaments ta' l-irgiel
- L-ewwel zewg players fir-rankings ta' l-irgiel fi tmiem l-Euro Ranking Tournaments
- Finalisti tal-kampjonati Nazzjonali Open

Il-kompetizzjoni tintlaghab fuq bazi ta' 'knockout'. Il-poloz, li ma jinkludux seedings, jittellghu qabel jibda l-loghob.

## KNOCKOUT TAT-TIMIJIET

# PREMJIJIET TOTALI

€ 1,200

Bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza zewg 'knockouts' ghat-timijiet wahda riservata ghat-timijiet li jilghabu fil-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni u ohra li tinkludi t-timijiet tat-Tieni u Tielet Divizjoni.

Il-loghob kollu jintlaghab fuq zewg 'legs' Home u Away barra l-finali li jintlaghbu f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni.

Il-kompetizzjonijiet ser jibdew fit– 23 ta' Ottubru bil-finali jintlaghbu bejn l-20 u t-23 ta' Novembru. Il-poloz jittellghu l-Gimgha 12 ta' Ottubru gewwa Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi.

It-timijiet rebbieha ta' kull kompetizzjoni 'knockout' jirbhu € 400 kull wiehed filwaqt li t-timijiet telliefa fil-finali jirbu € 200 kull wiehed.

## CHRISTMAS & EASTER CUP

Il-kompetizzjoni tal-Milied, riservata ghat-timijiet, tintlaghab fix-xahar ta' Dicembru fuq bazi ta' 'knockout' bil-loghob kollu jintlaghab fuq imwejjed newtrali maghzula mill-assocjazzjoni.  L-ebda tim ma jkun 'seeded' filwaqt li clubs li jippartecipaw b' zewg timijiet ikollhom it-timijiet mifruda u ma jiltaqghux kontra xuxlin qabel il-finali.

Il-kompetizzjoni ta' l-Ghid il-Kbir ser tintlaghab fix-xahar ta' Marzu. Kull club jista' jdahhal tim wiehed biss f' din il-kompetizzjoni u jista' jaghmel uzu mill-players kollha registrati fil-club tieghu. Il-loghob kollu jintlaghab f' postijiet newtrali filwaqt li l-ebda tim ma jigi 'seeded'.

Il-poloz tal-kompetizzjoni tal-Milied jittellghu fid– 19 ta' Novembru filwaqt li dawk ta' l-Ghid il-Kbir jittellghu fis-27 ta' Frar  gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi.





# KOMPETIZZJONI 30 SENA ANNIVERSARJU




Ghall-anniversarju tat-tlettin sena mit-twaqqif taghha l-assocjazzjoni ser torganizza kompetizzjoni ghall-numru ristrett ta' timijiet. Din il-kompetizzjoni ser tintlaghab fuq imwejjed newtrali bejn l-10 u t-13 ta' Gunju 2019.

It-timijiet elegibli li jiehdu sehem f' din il-kompetizzjoni ser ikun dawn:

- Rebbieha ta' kull divizjoni fi tmiem it-tieni fazi tal-kampjonati
- Mit-Tielet divizjoni jilghabu z-zewg timijiet rebbieha ta' kull sezzjoni
- Rebbieha tal-kampjonati ta' kull divizjoni
- Rebbieha tal-kompetizzjonijiet knockout taz-zewg kategoriji
- Rebbieha tal-kompetizzjoni tal-Milied

**€ 500**

Timijiet li jirbhu aktar minn kompetizzjoni wahda jew li jirbhu kemm id-divizjoni/sezzjoni fi tmiem it-tieni fazi kif ukoll il-kampjonati ma jigux rimpjazzati b' timijiet ohra. Il-kompetizzjoni ser tintlaghab fuq bazi ta' knockout u fil-poloz mhux ser ikun hemm 'seedings'. It-tim rebbieh jiehu l-premju ta' Euro 500 kif ukoll trophy ta' l-okkazzjoni.

www.euro8ball.com

## KAMPJONATI EWROPEJ– IRLANDA 2019

Il-kampjonati Ewropej 2019 ser issiru gewwa Killarney, l-irlanda, bejn l-10 u l-15 ta' Frar. L-ghazla tat-timijiet nazzjonali ser tkun segwenti:

**Tim A ta' l-Irgiel:** Players rebbieha ta' l-erba' Euro Ranking Tournaments kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali ta' l-irgiel fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments

**Tim B ta' l-Irgiel:** Il-players bejn it-tielet u t-tmien post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali ta' l-irgiel fi tmiem il-Euro Ranking Tournaments.

**Tim Under 23:** L-ewwel erba' players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali fil-kategorija Under 23's fi tmiem il- Euro Ranking Tournaments.

**Tim Under 18:** L-ewwel tliet players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali fil-kategorija Under 18's fi tmiem il-Euro Ranking Tournaments.

**Tim Over 50:** Players rebbieha ta' l-erba' Euro Ranking Tournaments kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali ta' l-istess kategorija fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments

L-assocjazzjoni tiggarantixxi l-hlassiiet involuti kollha lill-players tat-timijiet kollha msemmija hawn fuq. Il-hlassijiet jinkludu vjaggar, akkommodazzjni fuq bazi bed & breakfast, hlas ta' l-entratura tal-kompetizzjonijiet individwali kif ukoll il-hlas ta' l-ikla tal-prezentazzjoni.

# KAMPJONATI MONDJALI BLACKPOOL 2019

L-assocjazzjoni tikkonferma li Malta ser tkun rapprezentata minn 3 timijiet fil-kampjonati mondjali li ser issiru bejn l-19 u 29 ta' Gunju gewwa Blackpool, l-Ingilterra. It-timijiet Maltin ser jiehdu sehem fil-kategoriji ta' l-Irgiel, Under 23's u Over 50's. Madankollu qedin issiru sforzi biex jinstaghbu aktar fondi biex it-tim nazzjonali taz-zghazagh U/18 jippartecipa f' dawn il-kampjonati.

L-ghazla tat-timijet ser issir kif jidher hawn taht:

**Tim ta' l-Irgiel:** Il-finalisti tat-tliet 'World Ranking Tournaments', Rebbieh tal-World Playoff Qualifier Tournament u l-ewwel player fil-klassifika tar-rankings nazzjonali fi tmiem il-'World Ranking Tournaments'

**Tim Under 23:** L-ewwel erba' players fil-klassifika tar-rankings nazzjonali tal-kategorija fi tmiem il-'World Ranking Tournaments'

**Tim Over 50:** Christ Mills, ir-rebbieha tat-tliet World Ranking Tournaments u l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-rankings nazzjonali tal-kategorija fi tmiem il-'World Ranking Tournaments'

L-assocjazzjoni ser tkopri l-ispejjes involuti kollha ta' vjaggar, akkomodazzjoni fuq bazi bed & breakfast, spejjes tad-dhul tal-kompetizzjonijiet individwali kif ukoll l-ikla tal-prezentazzjoni.

**Website:** www.maltapoolassociation.org

**Facebook Page:** Malta Pool Association